# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Jannar, 2024.**

**Numru 3**

**Rikors kostituzzjonali numru 634/2021/1 TA**

**Paul Galea; u b'dikriet tad-9 ta' Frar 2023 il-kawża tkompliet f'isem Maria Lourdes Galea minflok Paul Galea wara l-mewt tiegħu; George Galea; Salvatore *sive* Salvu Galea; Mary Demicoli; Theresa Galea; Maria Dolores *sive* Doris Galea; Rose Cortis; Jane Farrugia; Helen Busuttil**

***v.***

**Avukat għal-Istat; u b'dikriet tal-11 ta' Novembru 2021 Mary Anne *sive* Marianna Ċini u Georgia Chircop issejħu fil-kawża; u b'dikriet tat-23 ta' Frar 2022 issejħet fil-kawża Josephine *sive* Ġuża Gatt minflok Mary Anne Cini; u b'dikriet tat-12 ta' Ottubru 2022 Joseph Chircop inħatar kuratur ta' Giorgia Chircop**

1. Dan huwa appell tal-atturi minn sentenza mogħtija fid-9 ta' Frar 2023 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza tagħha kostituzzjonali li ċaħdet it-talbiet tagħhom għal rimedju dak li huma jqisu bħala ksur tal-jedd

tagħhom għat-tgawdija ta' ħwejjiġhom billi ma seħħilhomx jagħmlu prova tat-titolu tagħhom fuq il-proprjetà.

2. Il-fatti relevanti ġew imfissra hekk minn l-ewwel qorti:

> »Din il-kawża tirrigwarda żewġ fondi, dak numru 80 (ġà numru 9) … Msida u dak numru 12 … il-Qrendi.
>
> »Il-fond numru 80 (ġà numru 9) … Msida
>
> »Dan il-fond ilu mikri lill-intimata kjamata in kawża Josephine Gatt u l-antekawża minnha, *cioè* ommha, sa mis-sena 1969.
>
> »L-inkwilina intimata għadha sal-lum, flimkien ma tnejn minn uliedha, tokkupa l-fond *ope legis* bl-istess titolu ta' kera bis-saħħa tal-artikolu 3 tal-Kap 69.
>
> »Il-kera oriġinali kienet Lm9.30c fis-sena. Fis-sena 2010 din bdiet togħla skont il-liġi permezz tal-Att X tal-2009. Preżentament il-kera mħallsa mill-inkwilini Caruana hija ta' €209. Il-kera baqgħet tiġi aċċettata bla riżervi sas-sena 2020. Mis-sena 2021 il-kera bdiet tiġi aċċettata mingħajr preġudizzju.
>
> »Ma huwiex magħruf jekk il-fond in kwistjoni huwiex fond dekontrollat.
>
> »Jirriżulta li ftit xhur qabel ma ġiet preżentata din l-azzjoni, preċiża-ment fil-14 ta' Ġunju 2021, ir-rikorrenti preżentaw rikors numru 173/2022 quddiem il-Bord li jirregola l-Kera sabiex il-kera tiżdied *ai termini* tal-artikolu 4A kif introdott bl-Att XXIV tal-2021. Minn indaġni li għamlet din il-qorti jirriżulta li dan ir-rikors jinstab differit għas-s-sentenza in difetto ostacolo għas-7 ta' Frar 2023.
>
> »Il-fond numru 12 … Qrendi
>
> »Dan il-fond ilu mikri lill-inkwilina Georgia Chircop "għal ċirka sittin sena" (ara *affidavit* Joseph Chircop).
>
> »L-inkwilina Intimata għadha sal-lum, flimkien ma' binha kuratur tagħha Joseph Chircop, tokkupa l-fond *ope legis* bl-istess titolu ta' kera bis-saħħa tal-artikolu 3 tal-Kap 69.
>
> »Fis-sena 2010, il-kera oriġinali bdiet togħla skont il-liġi permezz tal-Att X tal-2009. Sal-10 ta' Marzu 2022 il-kera hekk regolata kienet tammonta għal €206.50 fis-sena.
>
> »Permezz ta' deċiżjoni mogħtija fid-9 ta' Diċembru 2021, il-Bord li jirregola l-Kera ddeċida fuq l-ewwel talba tar-rikors istitwit quddiemha mir-rikorrenti a tenur tal-artikolu 4A kif introdott bl-Att XXIV tal-2021 billi laqgħeta u ordnat li l-kera tiżdied fl-ammont ta' €1,600 fis-sena b'effett mill-iskadenza li tmiss li kienet tagħlaq fl-10 ta' Marzu 2022.
>
> »Il-kera baqgħet tiġi aċċettata bla riżervi sas-sena 2022. Min din is-sena 2023 il-kera bdiet tiġi aċċettata mingħajr preġudizzju.
>
> »Ma huwiex magħruf jekk il-fond in kwistjoni huwiex fond de-kontrollat.«

3. L-atturi dehrilhom illi bil-liġijiet li jikkontrollaw il-kera – kemm qabel kif ukoll wara d-dħul fis-seħħ tal-Att XXIV tal-2021 – inkisrulhom id-drittijiet fondamentali tagħhom imħarsin taħt l-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali [“il-Konvenzjoni Ewropea”] u għalhekk fetħu din il-kawża u talbu illi l-qorti:

> »i. tiddikjara li … ġew u għadhom qed jiġu leżi d-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti kif sanċiti fl-art. 1 Prot. 1 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet Fondamentali;
>
> »ii. tagħti rimedju xieraq u opportun, tiddikjara li l-esponenti huma intitolati danni materjali minħabba li ġew u għadhom qed jiġu leżi d-drittijiet fondamentali tal-esponenti, tillikwida l-istess danni materjali liema likwidazzjoni għandha tieħu konsiderazzjoni kemm tal-leżjoni ġà sofferta kif ukoll tal-piż eċċessiv li ser jibqgħu jġorru l-esponenti tenut kont ukoll tad-differenza tal-valur lokatizju tal-fondi fis-suq miftugħ u l-valur lokatizju riżultanti mill-mekkaniżmu veljanti taħt il-Kap. 69 u tikkundanna lill-intimat sabiex iħallas id-danni hekk likwidati;
>
> »iii. tikkundanna lill-intimat li jħallas id-danni morali (non-pekunjarji) spettanti lill-esponenti tenut kont ir-riżultanzi tal-ewwel talba.
>
> »Bl-ispejjeż … … …«

4. L-Avukat tal-Istat ressaq din l-eċċezzjoni fost oħrajn:

> » … …
>
> »2. preliminarjament, ir-rikorrenti jeħtieġu li jġibu prova ċara tat-titolu tagħhom li turi kif il-proprjetà … jappartjenu lilhom;
>
> »… … …«

5. Il-konvenuta Josephine Gatt ukoll ressqet eċċezzjoni:

> »1. illi preliminarjament ir-rikorrenti iridu iġibu prova tat-titolu tagħhom;
>
> »... … …«

6. L-ewwel qorti ddeċidiet hekk:

> »tilqa’ t-tieni eċċezzjoni tal-intimat Avukat tal-Istat;
>
> »tilqa’ l-ewwel eċċezzjoni tal-Intimata kjamata in kawża Josephine Gatt;
>
> »tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti.«

7. Il-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-ewwel qorti għad-deċiżjoni tagħha ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

> »Din hija azzjoni ta' ksur ta' jeddijiet fundamentali. Ir-rikorrenti qed tilmenta li l-applikazzjoni tal-provedimenti tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta, tal-Att X tal-2009 u liġijiet oħra viġenti jiksru d-drittijiet fundamentali tagħha għat-tgawdija tal-fond in kwistjoni sanċit fl-ewwel artikolu tal-Ewwel Protocol tal-Konvenzjoni Ewropea (l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta).
>
> »… … …
>
> »Permezz tat-tieni eċċezzjoni preliminari, l-Avukat tal-Istat issolleva l-ħtieġa li r-rikorrenti jġibu prova ċara tat-titolu tagħhom fuq il-proprjetà in kwistjoni. Din l-eċċezzjoni ġiet ukoll sollevata mill-intimata kjamata in kawża Josephine Gatt.
>
> »In sodisfazzjoni ta' din l-eċċezzjoni, ir-rikorrenti Paul Galea preżenta affidavit fejn iddikjara li "dawn il-postijiet kienu tal-ġenituri tiegħu (Joseph Galea – deċ. 30/9/1983 u Rosina Galea – deċ. 7 ta' Settembru 2009) u mal-mewt tagħhom writnihom jien u ħuti Salvu, Mary Demicoli, Theresa, Maria Dolores, George u Carmen Vella. Oħti Carmen illum hija nieqsa u wirtuha wliedha *cioè* Rose Cortis, Jane Farrugia u Helen Busuttil". In sostenn ta' dan, ir-rikorrent Pawlu Galea preżenta biss dikjarazzjoni *causa mortis* ta' ommhom Rosina Galea datata 21 ta' Jannar 2010. emm ġie dikjarat li "skond testment magħmul fl-atti tan-Nutar Joseph Agius tat-30 ta' Awissu 1982 hi [Rosina Galea] ħalliet eredi tagħha lil fuq imsemmija uliedha ndaqs bejniethom minbarra xi legati". Dan it-testment ma ġiex preżentat. Jirriżulta wkoll mill-istess dikjarazzjoni li, jekk qatt, mhux is-sehem sħiħ ta' dawn il-fondi ġie hekk devolut lir-rikorrenti iżda biss nofs indiviż ta' dan is-sehem.
>
> »Fil-paragrafi 10 sa 16 tan-nota tiegħu, l-Avukat tal-Istat jinsisti li r-rikorrenti ma ġabux l-aħjar prova a tenur tal-artikoli 559 u 562 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan għal raġuni li "dikjarazzjoni *causa mortis* hija dikjarazzjoni unilaterali u li bl-ebda mod ma hija prova suffiċjenti li, fid-data ta' meta infetħet il-kawża, il-proprjetajiet li jissemmew fid-dikjarazzjoni *causa mortis* kienu għadhom jappartjenu lir-rikorrenti. Iżda, jekk din il-qorti kellha tqis id-dikjarazzjoni *causa mortis* bħala prova suffiċenti tat-titolu tar-rikorrenti, xorta waħda dak li ġie pruvat huwa li uħud mir-rikorrenti u *cioè* Salvu Galea, Mary Demicoli, Paul Galea, Theresa Galea, Maria Dolores *sive* Doris Galea u George Galea u ċertu Carmen Vella wirtu nofs indiviż ta' dawn il-proprjetajiet. Fuq din id-dikjarazzjoni *causa mortis* serhet ukoll Carmen Vella, li iżda ma hijiex waħda mir-rikorrenti. Għalhekk ma nġabet l-ebda prova li dawn ir-rikorrenti huma s-sidien tal-proprjetajiet in kwistjoni fl-intier tagħhom".
>
> »L-intimat Avukat tal-Istat jissottometti wkoll li "ma nġabet l-ebda prova li Rose Cortis, Jane Farrugia u Helen Busuttil huma l-werrieta ta' Carmen Vella u li dawn il-proprjetajiet għaddew f'isimhom u, jekk għandhom sehem minn dawn il-proprjetajiet, id-data meta allegatament tali sehem għadda f'isimhom. Għalhekk ir-rikorrenti Rose Cortis, Jane Farrugia u Helen Busuttil ma pruvawx it-titolu tagħhom tal-

proprjetajiet in mertu u għalhekk ma ġewx leżi d-drittijiet fundamentli a tenur tal-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali. Konsegwentement ma għandhomx jirċievu kumpens".

»L-intimat Avukat tal-Istat isejjes dawn is-sottomissjonijiet fuq Sentenza mogħtija minn din il-qorti … fl-ismijiet <u>Marguerite *sive* Greta mart Tony Nicholl *et v.* Avukat tal-Istat *et*</u> mogħtija fil-15 ta' Lulju 2022. F'din is-sentenza, li għadha *sub judice*, ġie rilevat dan li ġej:

> »"Ir-rikorrenti ġabu prova tal-mod kif is-sehem ta' Veronica Micallef Eynaud iddevolva favur uliedha wara li din ġiet nieqsa fl-14 ta' Jannar 2012. Minkejja dan iżda, ma nġabet l-ebda prova u ma nġabu l-ebda provi dokumentarji dwar il-mod kif is-sehem ta' Alexandra Borg Olivier iddevolva favur l-eredi tagħha, jew dwar il-mod kif is-sehem ta' Gerald Mattei iddevolva favur l-eredi tiegħu. Il-qorti għalhekk għandha d-diffikultajiet tagħha dwar it-titolu reklamat mill-eredi preżunti ta' Alexandra Borg Olivier u ta' Gerald Mattei, partikolarment meta jirriżulta pależament li ħadd mir-rikorrenti għajr għal Marguerite *sive* Greta Nicholl ma ħadu sehem attiv jew urew interess f'dawn il-proċeduri. Il-qorti għalhekk tibda billi tispjega li għandha diffikultà takkolji t-talbiet imressqa f'isem uħud mir-rikorrenti, li ma ġabu l-ebda prova dwar kif huma għandhom sehem minn dan il-fond, u b'liema mod dan is-sehem iddevolva fuqhom, minkejja l-eċċezzjonijiet sollevati kemm mill-Avukat tal-Istat kif ukoll mill-intimati Darmanin sa mill-bidu ta' dawn il-proċeduri. Il-qorti tirrileva li f'kawżi ta' din ix-xorta, fejn il-pretensjoni tar-rikorrenti hija għall-ħlas lilhom ta' kumpens li jammonta għal eluf ta' euro, li jridu jitħallsu lilhom minn fondi pubbliċi, ir-rikorrenti ma kellhomx jistrieħu fuq sempliċi dikjar-azzjoni li saret minn waħda minnhom dwar il-mod kif intirtu l-ishma fil-fond, iżda kellhom iġibu l-aqwa prova, f'dan il-każ fil-forma ta' riċerki testamentarji u kopji tat-testmenti li saru. Tali provi huma nieqsa kompletament mill-proċess, u għalhekk il-qorti ma tistax takkolji t-talbiet imressqa mir-rikorrenti Avukat Alexander Borg Olivier, George Simonds, Stefano Borg Olivier, Jean-Claude Alexander Borg Olivier, Alexander Bethune Mattei, u Lydia Mattei, *in vista* tan-nuqqas ta' prova dwar it-titolu tagħhom fuq il-fond."

»Huwa tabilħaqq minnu li, qabel ma timbarka fuq analiżi sostantiva taċ-ċirkostanzi taħt dan l-artikolu konvenzjonali, il-qorti għandha l-ewwel tkun sodisfatta li dan l-artikolu huwa applikabbli għaċ-ċirkostanzi tal-każ. Fi kliem ieħor, il-qorti għandha l-ewwel teżamina f'kull każ jekk iċ-ċirkostanzi tal-kawża, fl-assjem tagħhom, jikkonferux fuq ir-rikorrenti titolu għal dawk il-"possedimenti" protetti fl-ewwel parti tal-ewwel artikolu protokollari tal-Konvenzjoni.

»… … …

»Ir-rikorrenti naqsu għal kollox milli jippreżentaw r-riċerki testamentarji ta' missierhom u ommhom Joseph u Rosina konjuġi Galea. Ir-rikorrenti naqsu wkoll milli jippreżentaw ir-riċerki testamentarji ta' Carmen Vella li, skont ir-rikorrenti Paul Galea, hija omm ir-rikorrenti Rose Cortis, Jane Farruġia u Helen Busuttil. Huma llimitaw ruħhom biss f'li jippreżentaw il-*causa mortis* ta' ommhom Rosina Galea mingħajr ma anqas preżentew it-testment hemm riferut.

»Il-qorti tirrikonoxxi li din id-dikjarzzjoni *causa mortis* ma ġietx kontestata bi prova kuntrarja. Għaldaqstant m'hemmx raġuni għalfejn

din il-qorti m'għandhiex tqisha ammissibbli. Madanakollu d-dikjarazzjoni *causa mortis*, waħidha, ma tirrikonoxxix lir-rikorrenti bħala s-sidien ta' sehem sħiħ tal-proprjetajiet in kwistjoni iżda biss bħala sidien ta' sehem parzjali, *cioè* is-sehem ta' nofs inidiviż u biss fil-konfront tar-rikorrenti Paul, George, Salvatore, Mary, Theresa u Maria Dolores aħwa Galea.

»Ir-rikorrenti naqsu milli jistabbilixxu n-natura preċiża tad-dritt u l-intitolament tagħhom għat-tgawdija tan-nofs indiviż l-ieħor tal-proprjetajiet in kwistjoni u, fir-rigward tar-rikorrenti allegatament aħwa Zammit, fir-rigward tas-sehem sħiħ tal-istess proprjetajiet. B'dan il-mod ir-rikorrenti naqsu milli jissodisfaw l-obbligu inkombenti fuqhom taħt l-artikolu protokollari … … …

»… … …

»Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet din il-qorti tixtieq tippuntwalizza bħala avviż ambulanti għal kull min qiegħed jagħmel dawn ix-xorta ta' kawżi. Bħal donnha daħlet id-drawwa li kemm il-partijiet u anke l-qorti għandhom jitrattaw dawn il-kawżi b'ċertu leġġerezza. Kważi kważi dawn il-kawżi qishom isiru bl-istess celerità bħal meta ssir kawża bil-proċedura speċjali straordinarja *ossia* bil-giljottina. Dan ma hux il-każ aktar u aktar meta *si tratta* ta' azzjoni kostituzzjonali. Huwa minnu li fil-kamp kostituzzjonali l-proċedura hija anqas formali, però dan ma japplikax għall-prova tal-azzjoni fis-sustanza tagħha.

»Il-vjolazzjoni tad-dritt ilmentat mir-rikorrenti huwa għas-sehem sħiħ tal-proprjetajiet in kwistjoni. Huma għalhekk kellhom jipprovaw id-dritt tagħhom fuq is-sehem sħiħ, u mhux parzjali, tal-istess. Ladarba dan ma sarx, il-qorti se jkolla bl-istess mod tieqaf hawn u tilqa' l-ewwel u t-tieni eċċezzjonijiet preliminari tal-Intimata kjamata in kawża Josephine Gatt u tal-intimat Avukat tal-Istat rispettivament. Konsegwentement il-qorti tiddikjara inammissibli t-talba tar-rikorrenti.«

8. L-atturi appellaw b'rikors tas-16 ta' Frar 2023 li għalih wieġbu l-Avukat tal-Istat fis-27 ta' Frar 2023 u l-konvenut Joseph Chircop fis-7 ta' Marzu 2023.

9. L-ewwel aggravju tal-atturi li jolqot dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel qorti ddikjarat li ma seħħilhomx iġibu prova tat-titolu tagħhom fuq iż-żewġ proprjetajiet mertu tal-każ tallum, u ġie mfisser hekk:

»In suġġett ta' *victim status*, … il-Gwida Uffiċjali tal-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem dwar l-artiklu tal-Protokoll 1 tfisser il-kunċett ta' "possedimenti" b'dan il-mod:

»'The concept of 'possessions' in the first part of Article 1 of Protocol No. 1 is an autonomous one, covering both "existing possessions" and assets, including claims, in respect of which the applicant can argue that he or she has at least a "legitimate expectation". 'Possessions' include rights *in rem* [*recte*, *in re*] and

> *in personam*. The term encompasses immovable and movable property and other proprietary interests."

»L-istess gwida żżid illi:

> »"The concept of 'possessions' has an autonomous meaning which is independent from the formal classification in domestic law and is not limited to the ownership of physical goods: certain other rights and interests constituting assets can also be regarded as 'property rights', and thus as 'possessions' for the purposes of this provision. The issue that needs to be examined in each case is whether the circumstances of the case, considered as a whole, conferred on the applicant title to a substantive interest protected by Article 1 of Protocol No. 1."

»Issir referenza wkoll għas-sentenza mogħtija fil-kawża rikors kostituzzjonali nru 203/2022, deċiż fit-13 ta' Frar 2023 <u>Oswald Wismayer *et v.* Avukat tal-Istat *et*</u> fejn il-qorti qalet hekk:

> »22. Il-qorti tista' tgħaddi biex tqis il-kwistjoni tat-titlu tar-rikorrenti li ġiet imqajma miż-żewġ konvenuti fit-tweġibiet rispettivi tagħhom.
>
> »23. Huwa loġiku li biex wieħed ikun jista' jilmenta li qed jiġi mfixkel fit-tgawdija ta' ħwejġu kemm taħt il-Kostituzzjoni u kif ukoll taħt il-Konvenzjoni Ewropea, l-ewwel u qabel kollox dak li jkun irid jirnexxilu juri li dik il-proprjetà, li qed jiġi mċaħħad minnha, tappartjeni lilu.
>
> »24. Ingħad kemm-il darba mill-Qorti Kostituzzjonali f'kawżi ta' din il-bixra li r-rikorrenti m'għandhomx għalfejn jipprovaw titlu assolut jew oriġinali bħalma huwa meħtieġ fl-*actio rei vindicatoria* iżda huwa biżżejjed jekk ir-rikorrenti jiġġustifikaw jeddijiet ta' pussess jew xi jedd imnissel minn pussess meħud jew li dwaru sar indħil mill-istat.
>
> »25. Jekk titressaq prova bħal din, ikun jaqa' mbagħad fuq il-konvenut li jmeri li r-rikorrenti ma jgawdix minn dak il-jedd fuq il-proprjetà, b'dana li, jekk il-konvenut jibqa' passiv u ma jagħmel xejn, il-qorti m'għandhiex ikollha dubji dwar l-eżistenza ta' dak il-jedd.
>
> »26. Il-prova tal-jedd tal-proprjetà għandu jiġi mistħarreġ fuq il-grad tal-bilanċ tal-probabbilità u fuq il-qawwa tal-provi li jkunu ġew prodotti fil-kawża.
>
> »27. Għalkemm ikun aħjar li r-rikorrent jippreżenta dokumenti dwar it-titlu tiegħu, bħal ngħidu aħna kuntratti u dikjarazzjonijiet *causa mortis*, madankollu n-nuqqas tagħhom m'għandux iwassal bilfors għaċ-ċaħda tat-talbiet tar-rikorrent, jekk mill-ġabra tal-provi wieħed jista' jasal għall-fehma li r-rikorrent ikun tabilħaqq igawdi minn dak il-jedd tal-proprjetà. Hekk per eżempju, ingħad li rikorrent seta' jissokta b'azzjoni għall-ħarsien tal-jedd ta' proprjetà tiegħu, jekk juri li huwa kien qiegħed jikri post lil terz u dik il-kirja kienet soġġetta għal-liġijiet li jirregolaw il-kera.

»L-esponenti jidhrilhom illi, fi proċeduri ta' indoli ta' din in-natura, ir-rikorrenti huma tenuti biss li jġibu prova li huma għandhom possediment. Il-mertu tal-kawża huwa dwar-relazzjoni ġuridika maħluqa *ex lege* bejn sid-kera u inkwilin.

»Għalhekk kull ma jinħtieġ li jiġi provat huwa li hemm relazzjoni ta' inkwilinat bejn l-atturi u l-inkwilini imsemmija u li dan huwa regolat mir-reġim tal-Kap. 69.

»Mill-provi prodotti jirriżulta ċar u mhux kontestat illi l-esponenti jikru l-fondi fuq imsemmija u li tali fondi ilhom hekk mikrija sa mis-snin sittin (*1960s*) – ferm qabel l-introduzzjoni tal-emendi ta' Ġunju 1995.

»Di fatti *in parallel* ma' dawn il-proċeduri, ġew introdotti żewġ proċeduri quddiem il-Bord li jirregola l-Kera sabiex il-kera tiġi awmentata skond l-emendi riċenzjuri fil-Kap. 69 u waħda minnhom ġiet deċiża (kif anke raviżat mill-qorti in prim istanza) mentri l-oħra hija differita għas-sentenza in difett ta' ostakolu.

»Fil-konklużjonijiet tagħha, il-qorti in prim istanza ma ħaditx dan l-aspett in konsiderazzjoni. Ġaladarba hemm sentenza li għaddiet in ġudikat fir-rigward ta' fond wieħed partikolari, dan joħloq stat u għalhekk, kwalunkwe dubju li l-qorti seta' kellha dwar id-dritt ta' possedimenti tal-esponenti, dan ġie totalment annjetat b'riżultat tal-imsemmija sentenza. Il-konklużjonijiet tal-qorti in prim istanza mogħtija f'dawn il-proċeduri m'humiex konsonanti mas-sentenza mogħtija mill-Bord li jirregola l-Kera u ċertament, *in vista* ta' dan l-aspett, il-qorti kellha tagħti importanza għal din is-sentenza u mhux tinjoraha fil-konsiderazzjonijiet tagħha dwar jekk l-esponenti għandhomx *victim status* jew le.

»Ta' relevanza wkoll huwa dak li xehed Joseph Chircop in kontro-eżami li kkonferma li l-kera kienet titħallas lil Pawlu Galea in konferma ta' dak li xehed l-istess Paul Galea u *inoltre vide* wkoll il-kontro-eżami tal-istess Paul Galea fejn ikkonferma li l-inkwilini dejjem ħallsu dak mitlub u wieħed jinnota li ma saret l-ebda domanda ulterjuri mill-Avukat tal-Istat dwar it-titolu.

»*Vide* wkoll xiehda ta' Kevin Gatt li huwa t-tifel tal-inkwilina Josephine Gatt li kkonferma li l-kera fl-antik kienet titħallas lil Doris Galea u sussegwentement mal-mewt tagħha lil Paul Galea proprju kif ikkonferma l-istess Paul Galea.

»Taħt dan l-aspett l-esponenti jirrilevaw illi l-esponenti huma tenuti biss li jġibu prova li huma jgawdu minn possediment. Din il-prova jirriżulta provata u mhux kontradetta.

»Ma ġiet imressqa ebda prova li b'xi mod turi dubju dwar dak li xehdu l-persuni fuq imsemmija li l-atturi huma s-sidien tal-kera u Chircop u Gatt huma l-inkwilini.

»Jekk l-Avukat għall-Istat jew l-intimata qatt kellhom xi dubju, dan id-dubju ma ġie bl-ebda mod espress mill-provi minnhom imressqa. Ħadd ma attakka jew tefa' xi dubju dwar dak li xehed Pawlu Galea – anzi huwa ġie korroborat mill-intimati kif fuq premess.

»Għaldaqstant l-esponenti jidhrilhom illi ma kien hemm l-ebda ostakolu sabiex il-qorti taċċetta li l-esponenti għandhom *victim status* u tiċħad l-eċċezzjonijiet fuq imsemmija.«

10. L-Avukat tal-Istat wieġeb hekk:

»Fl-ewwel aggravju tal-appellanti in suġġett ta' *victim status*, l-appellanti għamlu referenza għall-Gwida Uffiċjali tal-Qorti Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem dwar l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll li tfisser il-kunċett ta' "possedimenti". L-appellanti jissottomettu li jidhrilhom illi, fi proċeduri ta' indoli ta' din in-natura, ir-rikorrenti huma tenuti biss li jġibu prova li huma għandhom possediment. Jissottomettu li l-mertu tal-kawża huwa dwar relazzjoni ġuridika maħluqa *ex lege* bejn sid-il-kera u inkwilin. Għalhekk skond l-appellanti kull ma jinħtieġ li jiġi provat huwa li hemm relazzjoni ta' inkwilinat bejn l-atturi u l-inkwilini imsemmija u li dan huwa regolat mir-reġim tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta. Jissottomettu li mill-provi prodotti jirriżulta ċar u mhux kontestat illi l-appellanti jikru l-fondi msemmija u illi tali fondi ilhom hekk mikrija sa mis-snin sittin (*1960s*), ferm qabel l-introduzzjoni tal-emendi ta' Ġunju 1995. L-appellanti jagħmlu referenza għall-proċeduri introdotti quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera, fejn kawża minnhom ġiet deċiża. Jagħmlu referenza ukoll għax-xiehda tat-tfal tal-inkwilini u jemfassizaw li l-appellanti huma tenuti biss li jġibu prova li huma jgawdu minn possediment, jgħidu li din il-prova tirriżulta provata u mhux kontradetta.

»… … …

»Dwar il-kwistjoni marbuta mat-titolu ta' proprjetà, l-esponenti jissottomettu li huwa loġiku li biex wieħed ikun jista' jilmenta li qed jiġi mfixkel fit-tgawdija ta' ħwejġu taħt il-Konvenzjoni Ewropea, l-ewwel u qabel kollox dak li jkun irid jirnexxilu juri huwa li dik il-proprjetà li allegatament qed jiġi mċaħħad minnha tmiss lilu.

»L-artikolu 559 u 562 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta huma ċari u jeżiġu li r-rikorrent għandu "fil-każijiet kollha" jġib "l-aħjar prova" li jista' jġib, u li l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah.

»Fil-każ odjern, jirriżulta li l-appellanti ma rnexxilhomx jipprovaw li l-proprjetajiet in kwistjoni jappartjenu lilhom b'mod intier. Jirriżulta li l-kawża ġiet intavolata minn disa' rikorrenti u kien biss ir-rikorrent Paul Galea illi ħa sehem attiv f'dawn il-proċeduri. Huwa xehed permezz ta' żewġ *affidavits* u xehed ukoll in kontro-eżami.

»Jirriżulta li in sosten tal-provi tat-titolu ġiet preżentata biss dikjar-azzjoni *causa mortis* datata l-21 ta' Jannar 2010. Din id-dikjarazzjoni kienet saret minn Salvu Galea, Mary Demicoli, Paul Galea, Theresa Galea, Maria Dolores *sive* Doris Galea, George Galea u ċertu Carmen Vella li ma kinitx parti minn dawn il-proċeduri. B'żieda ma dan, irriżulta li din id-dikjarazzjoni *causa mortis* kienet tirrigwarda biss dak imħolli wara l-mewt ta' Rosina Galea u *cioè*:

> »"nofs (½) indiviż tas-segwenti:-
>
> »(a) il-fond numru disgħa (9), … Msida, liema fond hu mikri lil terzi, tal-valur ta' sitt elef euro (€6,000);
>
> »"… … …
>
> »(ċ) il-fond numru tnax (12), … Qrendi, liema fond hu mikri lil terzi tal-valur ta' sitt elef euro (€6,000)."

»Dak li l-appellanti rnexxielhom jipprovaw kien li uħud minnhom u *cioè* Salvu Galea, Mary Demicoli, Paul Galea, Theresa Galea, Maria Dolores *sive* Doris Galea u George Galea u ċertu Carmen Vella wirtu nofs indiviż ta' dawn il-proprjetajiet. Fuq din id-dikjarazzjoni *causa*

*mortis* dehret ukoll Carmen Vella, li iżda ma hijiex waħda mir-rikorrenti. Paul Galea miet fil-mori ta' dawn il-proċeduri, u Maria Lourdes Galea ġiet awtorizzata tassumi l-atti minfloku, iżda ma ġietx preżentata *causa mortis* sabiex jiġi kkonfermat li sehem Paul Galea f'dawn il-proprjetà-jiet għadda għand Maria Lourdes Galea.

»B'żieda ma dan, jirriżulta ukoll li minkejja li Paul Galea xehed permezz tal-*affidavit* fejn spjega li "Oħti Carmen illum hija nieqsa u wirtuha wliedha *cioè* Rose Cortis, Jane Farrugia u Helen Busuttil", ma nġabet l-ebda prova li Rose Cortis, Jane Farrugia u Helen Busuttil huma l-werrieta ta' Carmen Vella u li dawn il-proprjetajiet għaddew f'isimhom u, f'każ li għandhom xi sehem minn dawn il-proprjetajiet, id-data meta allegatament tali sehem għadda f'isimhom. Għalhekk ir-rikorrenti Rose Cortis, Jane Farrugia u Helen Busuttil ma pruvawx it-titolu tagħhom tal-proprjetajiet in mertu u għalhekk ma ġewx leżi d-drittijiet fundamentali a tenur tal-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali. Konsegwentement ġustament l-ewwel qorti laqgħet it-tieni eċċezzjoni tal-esponent u ċaħdet it-talbiet attriċi.

»Għalhekk dak li ġie pruvat, dejjem jekk din il-qorti tagħżel li tistrieħ fuq l-unika dikjarazzjoni *causa mortis* li ġiet preżentata, huwa li l-appellanti George Galea, Salvatore *sive* Salvu Galea, Mary Demicoli, Theresa Galea u Maria Dolores sive Doris Galea, Paul Galea u ċertu Carmen Vella wirtu nofs indiviż ta' dawn iż-żewġ proprjetajiet. Kif ingħad, Carmen Vella ma hijiex parti minn dawn il-proċeduri. Kif spjegat, Maria Lourdes Galea ġiet awtorizzata tassumi l-atti minflok Paul Galea li miet fil-mori tal-kawża, iżda ma ġietx preżentata dikjarazzjoni *causa mortis* sabiex jiġi kkonfermat li sehem Paul Galea f'dawn il-proprjetajiet għadda għand Maria Lourdes Galea.

»Kif meqjus fis-sentenza riċentement mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fl-ismijiet Marguerite *sive* Greta mart Tony Nicholl [*et*] *v.* Avukat tal-Istat[*et*]:

> »"Il-qorti tibda billi tirrileva li jirriżulta min-*notice of succession* ta' Maria Costantina Mattei, li ġiet nieqsa fit-23 ta' Jannar 1949, li din kellha biss in-nofs indiviż tal-fond mertu ta' dawn il-proċeduri. Minn imkien ma jirriżulta n-nofs indiviż l-ieħor ta' min hu, u jekk dan is-sehem kienx jappartjeni lil terzi injoti, jew inkella lir-raġel tal-istess Maria Costantina Mattei. Mid-dikjarazzjonijiet li saru sussegwente-ment għall-mewt ta' Maria Costantina Mattei, jirriżulta li dan in-nofs indiviż tagħha ntiret mit-tliet uliedha, jiġifieri minn Veronica Micallef Eynaud, minn Alexandra Borg Olivier u minn Gerald Mattei. Ir-rikorrenti ġabu prova tal-mod kif is-sehem ta' Veronica Micallef Eynaud iddevolva favur uliedha wara li din ġiet nieqsa fl-14 ta' Jannar 2012. Minkejja dan iżda, ma nġabet l-ebda prova u ma nġabu l-ebda provi dokumentarji dwar il-mod kif is-sehem ta' Alexandra Borg Olivier iddevolva favur l-eredi tagħha, jew dwar il-mod kif is-sehem ta' Gerald Mattei iddevolva favur l-eredi tiegħu. Il-qorti għalhekk għandha d-diffikultajiet tagħha dwar it-titolu reklamat mill-eredi preżunti ta' Alexandra Borg Olivier u ta' Gerald Mattei, partikolarment meta jirriżulta pależament li ħadd mir-rikorrenti għajr għal Marguerite *sive* Greta Nicholl ma ħadu sehem attiv jew urew interess f'dawn il-proċeduri. Il-qorti għalhekk tibda billi tispjega li għandha diffikultà takkolji t-talbiet imressqa f'isem uħud mir-rikorrenti, li ma ġabu l-ebda prova dwar kif huma għandhom sehem minn dan il-fond, u b'liema mod dan is-sehem iddevolva fuqhom,

> minkejja l-eċċezzjonijiet sollevati kemm mill-Avukat tal-Istat kif ukoll mill-intimati Darmanin sa mill-bidu ta' dawn il-proċeduri. Il-qorti tirrileva li f'kawżi ta' din ix-xorta, fejn il-pretensjoni tar-rikorrenti hija għall-ħlas lilhom ta' kumpens li jammonta għal eluf ta' euro, li jridu jitħallsu lilhom minn fondi pubbliċi, ir-rikorrenti ma kellhomx jistrieħu fuq sempliċi dikjarazzjoni li saret minn waħda minnhom dwar il-mod kif intirtu l-ishma fil-fond, iżda kellhom iġibu l-aqwa prova, f'dan il-każ fil-forma ta' riċerki testamentarji u kopji tat-testmenti li saru. Tali provi huma nieqsa kompletament mill-proċess, u għalhekk il-qorti ma tistax takkolji t-talbiet imressqa mir-rikorrenti Avukat Alexander Borg Olivier, George Simonds, Stefano Borg Olivier, Jean-Claude Alexander Borg Olivier, Alexander Bethune Mattei, u Lydia Mattei, in vista tan-nuqqas ta' prova dwar it-titolu tagħhom fuq il-fond.

»… … …

»Għaldaqstant l-ewwel qorti ġustament laqgħet it-tieni eċċezzjoni tal-esponenti u ċaħdet it-talbiet attriċi.

»L-esponent jagħmel referenza għal parti fis-sentenza fejn l-ewwel qorti fis-sentenza appellata kkunsidrat li "Il-vjolazzjoni tad-dritt ilmentat mir-rikorrenti huwa għas-sehem sħiħ tal-proprjetajiet in kwistjoni. Huma għalhekk kellhom jipprovaw id-dritt tagħhom fuq is-sehem sħiħ, u mhux parzjali, tal-istess. Ladarba dan ma sarx, il-qorti se jkolla bl-istess mod tieqaf hawn u tilqa' l-ewwel u t-tieni eċċezzjonijiet preliminari tal-intimata kjamata in kawża Josephine Gatt u tal-intimat Avukat tal-Istat rispettivament. Konsegwentement il-qorti tiddikjara inammissibbli t-talba tar-rikorrenti". F'każ li din il-qorti tkun tal-fehma li ma kienx hemm ħtieġa li jiġi pruvat sehem sħiħ fuq il-proprjetajiet in kwistjoni, u f'każ li jirriżulta li kien hemm leżjoni tad-dritt fundamentali kif protett fl-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali, l-esponent jissottometti li ċertament li l-appellanti ma għandhomx dritt għal kumpens li jirrifletti s-sehem sħiħ u dan peress li, kif ġà spjegat, l-appellanti George Galea, Salvatore *sive* Salvu Galea, Mary Demicoli, Theresa Galea, Maria Dolores *sive* Doris Galea u għalhekk ħamsa minn disa' rikorrenti rnexxielhom juru li huma flimkien ma' Carmen Vella (li ma hijiex rikorrenti) u Paul Galea wirtu nofs indiviż tal-proprjetajiet in kwistjoni. Minn nofs ikollu jitnaqqas sehem Carmen Vella li, għalkemm dehret fuq l-unika dikjarazzjoni *causa mortis* preżentata, ma hijiex parti f'din il-kawża. … Jeħtieġ li jitnaqqas sehem Paul Galea li miet fil-mori ta' dawn il-proċeduri u li, għalkemm saret il-leġittimazzjoni tal-atti fejn fis-seduta tad-9 ta' Frar 2023 Maria Lourdes Galea ġiet awtorizzata tassumi l-atti minflok Paul Galea, ma tressqitx dikjarazzjoni *causa mortis* sabiex jiġi kkonfermat li sehem Paul Galea f'dawn il-proprjetajiet għadda għand Maria Lourdes Galea. Ma tressqet l-ebda dikjarazzjoni *causa mortis* jew testment li jikkonferma x'sehem għandhom l-appellanti Rose Cortis, Jane Farrugia u Helen Busuttil minn dawn il-proprjetajiet.

»L-appellanti f'dan l-appell permezz tal-ewwel talba talbu sabiex "Fl-ewwel lok tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u konseg-wentement tiċħad l-eċċezzjonijiet fuq imsemmija u tirrinvija l-atti lura in prim istanza sabiex jiġi trattat fuq il-mertu" u għalhekk f'każ li din il-qorti tiddeċiedi li tilqa' dan l-aggravju, hija l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) li tikkunsidra hemmx leżjoni tad-dritt

fundamentali in kwistjoni, jekk għandux jingħata kumpens u f'liema ammont.

»L-esponent jemfasizza li kien jinkombi fuq l-appellanti li jressqu provi li permezz tagħhom jippruvaw il-każ tagħhom. Kien jinkombi fuqhom, u fuqhom biss, li jippruvaw il-każ tagħhom. Sentenza tal-Bord li Jirregola l-Kera ma hijiex prova suffiċenti li tipprova li l-appellanti għandhom possediment, lanqas li wieħed mir-rikorrenti kien jiġbor il-kera mingħand l-inkwilini. L-esponent jemfasizza li ma kellu bżonn jipprova xejn. … … …

»L-eċċezzjoni tal-esponenti kienet ċara fir-risposta tiegħu. L-appellanti iżda, għal raġunijiet li jafu huma biss, għażlu li jinjoraw għal kollox l-eċċezzjonijiet u straħu fuq il-provi *de minimis* li ġabu. L-appellanti ma jistgħux jippretendu li, fin-nuqqas ta' prova, din il-qorti jew l-ewwel qorti kellha tassumi li nġabet prova tat-titolu.

»Huwa magħruf li f'proċeduri kostituzzjonali ma hemmx il-ħtieġa li titolu jiġi ppruvat bħal f'kawża *actio rei vindicatoria,* però dan ma għandux ifisser li jkun hemm nuqqas kważi-assolut ta' provi. L-appellanti kellhom l-obbligu li jipprovaw li ġie leż id-dritt għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tagħhom, prova li kif ingħad ma nġabitx. Ħadd mill-appellanti ma rnexxielu jistabilixxi n-natura preċiża tad-dritt u l-intitolament tagħhom għat-tgawdija tal-proprjetajiet in kwistjoni, filwaqt li uħud mill-appellanti rnexxielhom jipprovaw in-nofs u dan permezz ta' dikjarazzjoni *causa mortis* li kienet tirrigwarda nofs indiviż tal-proprjetajiet in kwistjoni, oħrajn kif spjegat, ma pruvaw xejn. L-analiżi tal-ewwel qorti hi waħda ddettaljata u turi n-nuqqasijiet lampanti tal-appellanti fl-istadju tal-provi tagħhom.

»B'hekk l-aggravju huwa infondat u għandu għalhekk jiġi miċħud.«

11. Il-konvenut Joseph Chircop kuratur tal-interdetta Giorgia Chircop wieġeb li joqgħod għad-deċiżjoni tal-qorti dwar dan l-aggravju.

12. Dwar l-eċċezzjoni tal-konvenuta Josephine Gatt – li ssejjes id-dritt tagħha li tokkupa l-fond fl-Imsida bis-saħħa ta' titolu ta' kera mingħand l-atturi – l-eċċezzjoni li trid prova tal-proprjetà li dawk li tikri mingħandhom hija fiergħa, u kellha tiġi miċħuda. L-Avukat tal-Istat, min-naħa l-oħra, kellu interess leġittimu li jitlob prova tat-titolu.

13. Bħala prova tat-titolu tagħhom l-atturi ressqu dawn:

i. kopja tad-dikjarazzjoni tat-trasmissjoni *causa mortis* wara l-mewt ta' ommhom Rosina Galea. Dan id-dokument, pubblikat

fil-21 ta' Jannar 2010, jirreferi għall-aħħar testment ta' Rosina Galea magħmul fit-30 ta' Awwissu 1982 fl-atti tan-Nutar Joseph Agius li fih l-atturi Salvu Galea, Mary Demicoli, Paul Galea (illum mejjet), Theresa Galea, Maria Dolores *sive* Doris Galea u George Galea u Carmen Vella (li m'hijiex parti fil-kawża u li tiġi omm l-atturi Rose Cortis, Jane Farrugia u Helen Busuttil) inħatru flimkien bħala l-werrieta universali ta' ommhom Rosina Galea. L-ulied għalhekk flimkien wirtu mingħand ommhom sehem mhux maqsum ta' nofs (½) iż-żewġ proprjetajiet li dwarhom saret il-kawża. Kull wieħed minnhom għalhekk wiret sehem wieħed minn sebgħa ($^{1}/_{7}$) tan-nofs (½) taż-żewġ proprjetajiet, jiġifieri sehem minn erbatax ($^{1}/_{14}$) kull wieħed u waħda.

ii. *affidavit* tal-attur Paul Galea li jikkonferma, fost affarijiet oħra, li dawn il-proprjetajiet kienu tal-ġenituri tiegħu Joseph u Rosina Galea u li mal-mewt tagħhom wirtuhom hu u ħutu.

iii. riċerki testamentarji ta' Paul Galea li ġie nieqes fis-16 ta' Lulju 2022. Dawn ir-riċerki juru illi fl-aħħar testment tiegħu magħmul fl-10 ta' Marzu 2014 l-attur Paul Galea ħatar lil martu Mary Lourdes Galea weħedha bħala werrieta tiegħu.

iv. kopji tar-riċevuti tal-kera fuq iż-żewġ proprjetajiet. Dawn juru li meta kienet għadha ħajja Rosina Galea il-kera dejjem kien jitħallas lilha mill-kerrejja. Wara l-mewt tagħha l-ħlas kien isir lill-attur Paul Galea (illum mejjet) f'isem il-familja Galea.

v. il-kerrejja taż-żewġ proprjetajiet ikkonfermaw bil-ġurament illi dejjem krew il-fond mingħand il-familja Galea u dejjem ħallsu l-kera lill-familja Galea.

vi. sentenza tal-Bord li jirregola l-Kera fl-ismijiet <u>Pawlu Galea *et v.* Giorgia Chircop</u> tad-9 ta' Diċembru 2021 dwar il-fond fil-Qrendi li tgħid fost affarijiet oħra illi "rriżulta li l-kera titħallas mill-intimata lir-rikorrenti".

14. L-atturi naqsu iżda milli jippreżentaw ukoll (i) kopja tat-testment u riċerki testamentarji ta' ommhom Rosina Galea tat-30 ta' Awwissu 1982, biex juru li dan kien tassew l-aħħar testment tagħha u li fih ħatret lil uliedha bħala werrieta tagħha f'ishma ndqas, (ii) kopja tar-riċerki testamentarji ta' missierhom Joseph Galea biex juru li wirtu wkoll is-sehem tiegħu fiż-żewġ proprjetajiet; u (iii) fil-każ tal-atturi Rose Cortis, Jane Farrugia u Helen Busuttil, prova li huma weħedhom il-werrieta ta' ommhom Carmen Vella: provi kollha li l-atturi messhom u faċilment setgħu ressqu.

15. Ma jistax għalhekk jingħad illi l-atturi ressqu l-aħjar prova li setgħu ressqu; anzi, ikollu jingħad li mexxew il-każ tagħhom b'ċerta leġġerezza.

16. Madanakollu, bl-istqarrija tal-kerrejja illi ilhom is-snin iħallsu l-kera lill-ġenituri tal-atturi u, wara mewthom, lill-attur Paul Galea f'ismu u f'isem ħutu, ma jistax ma jingħadx illi tressqet prova għall-inqas li l-atturi wkoll wara l-mewt tal-ġenituri tagħhom kellhom pussess u għad għandhom

pussess. Billi fin-nuqqas ta' prova kontrarja l-pussessur jitqies sid[1], din hija prova tajba u biżżejjed għall-għanijiet ta' din il-kawża.

17. Mill-*affidavit* tal-attur Pawlu Galea (illum mejjet) jidher illi hu kien jiġbor il-kera wkoll f'isem l-atturi Rose Cortis, Jane Farrugia u Helen Busuttil, ulied oħtu Carmen Vella wara l-mewt ta' din, u għalhekk dawn l-atturi wkoll jistgħu jitqiesu pussessuri u, konsegwentement, sidien.

18. Naturalment, fin-nuqqas ta' kopja tad-dikjarazzjoni tat-trasmissjoni *causa mortis* wara l-mewt ta' Joseph Galea u ta' Carmen Vella, u prova għalhekk li tħallset it-taxxa relativa, il-qorti ma tistax tqis is-sehem ta' dawn, minħabba f'dak li jgħid u jrid l-art. 63 tal-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti ["Kap. 364"], iżda ma hemmx xi jżomm milli tqis it-talba dwar is-sehem ta' Rosina Galea safejn imsejsa fuq il-wirt ta' din ħlief għas-sehem minn sebgħa ($^{1}/_{7}$) li jmiss lill-werrieta ta' Carmen Vella. L-aggravju safejn jolqot is-sitt ishma l-oħra minn sebgħa ($^{6}/_{7}$) ta' dan is-sehem ta' nofs (½) mhux maqsum għalhekk għandu jintlaqa'.

19. Ngħaddu għat-tieni aggravju li ġie mfisser hekk:

> »It-tieni aggravju huwa dwar il-parti konkluživa u l-konsegwenzi għall-imsemmija deċiżjoni.
>
> »… … … jekk din il-qorti jogħġobha tikkonferma dak li ġie deċiż mill-qorti in prim istanza li l-eċċezzjonijiet fuq imsemmija għandhom jiġu akkolti, ma kienx il-każ li l-qorti tiċħad it-talbiet u dan billi l-qorti ma daħlitx fil-konsiderazzjonijiet tagħhom. Fl-ebda parti mis-sentenza appellata ma hemm diskussjoni jew konsiderazzjoni jew deċiżjoni dwar it-talbiet innifishom u l-qorti llimitat ruħha biex iddeċidiet biss l-eċċezzjonijiet fuq imsemmija.
>
> »Konsegwentement il-konklużjoni kellha tkun li jekk l-eċċezzjonijiet jiġu akkolti, li l-intimati jiġu liberati mill-osservanza u dan *stante* illi l-mertu tal-proċeduri ma ġiex epurat u deċiż. Mill-mod kif inkitbet is-

1 Art. 525(1) Kod. Ċiv.

sentenza, wieħed jista jinterpretaha li l-mertu ġie deċiż u li, jekk l-esponenti ma jappellawx minn din is-sentenza, dan jista' jiġi argumentat li nħoloq stat ta' *res judicata* li jfisser illi, anke jekk l-esponenti jintavolaw proċeduri ta' indoli kostituzzjonali oħra u f'din it-tieni kawża jressqu dawk l-prova li l-qorti in prim istanza dehrilha li huma nieqsa, is-sentenza kif inkitbet toħloq ostakolu għal tali proċess.«

20. L-Avukat tal-Istat wieġeb hekk:

»L-esponent jissottometti li l-ewwel qorti ġustament laqgħet it-tieni eċċezzjoni tal-esponent u l-ewwel eċċezzjoni tal-kjamata in kawża Josephine Gatt u konsegwentement ċaħdet it-talbiet tar-rikorrenti. Fil-każ odjern, u kif ġustament iddeċiediet l-ewwel qorti, l-appellanti naqsu milli jistabbilixxu n-natura preċiża tad-dritt u l-intitolament tagħhom għat-tgawdija tan-nofs indiviż l-ieħor tal-proprjetajiet, filwaqt li uħud mir-rikorrenti naqsu milli jipprovaw n-natura preċiża tad-dritt u l-intitolament tagħhom għat-tgawdija tas-sehem sħiħ tal-istess proprjetajiet, dan wassal għaċ-ċaħda tat-talbiet kollha tal-appellanti … … …«

21. Il-konvenut Joseph Chircop kuratur tal-konvenuta Giorgia Chircop qabel illi l-aggravju għandu jiġi miċħud.

22. Sa ċertu punt l-aggravju huwa biss akkademiku ladarba l-eċċezzjoniiet dwar it-titolu sejrin jiġu miċħuda.

23. Safejn ikun hemm nuqqas ta' prova tal-premessa tat-talba – fil-każ tallum, il-prova tat-titolu – il-konklużjoni tkun illi t-talba msejsa fuq dik il-premessa tiġi miċħuda u – sakemm ma jkunx hemm ċirkostanzi li jwasslu għal ritrattazzjoni tal-każ – ma jibqax miftuħ għall-attur tellief li jerġa' jessaq l-istess talba billi jressaq il-provi li seta' ressaq qabel is-sentenza.

24. Fil-każ tallum, iżda, għar-raġunijiet mogtija fuq[2], il-prova tal-proprjetà għall-għanijiet ta' kawża bħal din għandha titqies illi saret, u t-talbiet tal-atturi ma jistgħux jitqiesu għalkollox mhux għax ma hemmx prova tat-titolu

---

2 Para. 16 *et seqq. supra*

iżda minħabba l-ostakolu tal-art. 63 tal-Kap. 364. Jekk dan l-ostakolu jitneħħa, ma jkun hemm xejn li jkompli jżomm lill-qorti milli tqis it-talbiet.

25. Il-qorti għalhekk tiddisponi mill-appell billi tħassar is-sentenza appellata: minflok, tiċħad l-eċċezzjonijiet ta' nuqqas ta' prova ta' titolu u tibgħat l-atti lura lill-ewwel qorti għad-deċiżjoni dwar jekk seħħx tassew ksur tal-jeddijiet tal-atturi u, jekk iva, tiddisponi dwar it-rimedju, b'dan iżda illi ma għandhiex tqis it-talbiet safejn jolqotu l-ishma li ntirtu mingħand Joseph Galea u Carmen Vella sakemm ma jkunx sar dak li jgħid u jrid l-art. 63 tal-Kap. 364, u b'dan ukoll illi, jekk dan jibqa' ma jsirx, għandha teħles lill-konvenuti mill-ħarsien tal-ġudizzju safejn jolqot dawk l-ishma.

26. L-ispejjeż tal-ewwel grad u tal-appell jinqasmu hekk: dawk tal-konvenuta Josephine Gatt tħallashom l-istess konvenuta billi l-eċċezzjoni tagħha hija fiergħa; l-ispejjeż l-oħra, billi dan l-episodju kien provokat bil-mod x'aktarx approssimattiv li bih l-atturi ressqu l-każ tagħhom, jinqasam hekk: tliet ishma minn erbgħa (¾) jħallsuhom l-atturi kollha u s-sehem l-ieħor minn erbgħa (¼) jħallsu l-Avukat tal-Istat.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da